MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2003

Appell Civili Numru. 478/2000/1

**Enrico Camilleri**

**vs**

**Martin Borg**

**Il-Qorti,**

Fid-19 ta’ Frar, 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat iz-17 ta’ April tas-sena 2000 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m’ghandux ikun ikkundannat:

1. Jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta’ danni minnu sofferti fl-incident awtomobilistiku li sehh nhar it-18 t’April

1998 cirka 1.30 f'St.Andrews Road, St. Julians meta konsegwenza ta' sewqan hazin, b'negligenza, b'imperizja, imprudenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, ikkawza l-incident aktar il-fuq indikat bil-konsegwenza li l-vettura proprjeta' tal-mittenti Nru ta' registrazzjoni CAP 746, wara li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAN 628 misjuqa minnu, dahlet fuq il-vettura proprjeta' ta' l-attur u kawzatilha diversi hsarat ghall-liema hsarat jahti unikament hu;

2. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni u ghall-fini tal-kompetenza ma jeccedix l-elf Lira Maltin (LM1000.00,0);

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-8 ta' Gunju tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:

1. Illi l-attur ghandu jipprova li l-karozza numru CAP 746 hija proprjeta' tieghu, fin-nuqqas it-talbiet kif diretti kontra l-eccipjenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premessi, fil-meritu t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur billi l-incident in kwistjoni ma sarx b'tort tal-eccipjent, izda b'tort tal-attur Enrico Camilleri, is-sewwieq tal-karozza numru CAP 746 minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu, kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Illi ghalhekk l-eccipjenti ma ghandux ihallas ebda danni, u fi kwalunkwe kaz id-danni reklamati huma esagerati;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-incident awtomobilistiku de quo sehh fit-18 t’April ta’ l-1998 ghall-habta tas-1.30 ta’ filghodu f’St. Andrews Road, San Giljan, u fih kienu involuti vettura tal-marka Seat bin-numru ta’ registrazzjoni AAN-628 misjuqa minn Martin Borg il-konvenut u vettura tal-marka Mitsubishi Lancer bin-numru ta’ registrazzjoni CAP-746 misjuqa minn Enrico Camilleri l-attur;

2. Illi z-zewg vetturi kienu qed jigu misjuqa fl-istess direzzjoni bil-vettura ta’ l-attur fuq il-karreggjata interna;

3. Illi l-versjonijiet taz-zewg konducenti lill-pulizija li mar wara l-incident huma kontrastanti:

a. <u>L-attur:</u>

Illi waqt li kien fil-karreggjata interna tat-triq fuq indikata jallega li l-konvenut gibed ghal fuq il-lemin tieghu, dahal fih u ghalhekk kien kostrett jitla l-bankina u jolqot sinjal tat-traffiku;

b. <u>Il-konvenut</u>:

Illi waqt li kien fil-karreggjata esterna tat-triq fuq indikata jallega li hass il-vettura ta’ l-attur fuq in-naha ta’ wara fuq ix-xellug tieghu, kien kostrett inaqqas il-velocita’ u sehhet il-kollizjoni;

4. Illi di piu’ l-attur isostni li qabel sehh l-incident in dizamina ra lill-konvenut gej minn warajh b’certu velocita’, ikkonkluda li din il-vettura ma kienx ser jirnexxiela izzomm il-“brake” minn warajh u rah gej ghal

fuqu, hadu bi zbrixx fuq il-“mudgard” u l-“bumper” tax-xellug u ikkagunalu hsara ohra fil-bieba;

5. Illi d-danni sofferti mill-attur huma debitament ipprovati;

Ikkonsidrat:

Illi l-versjonijiet esposti mill-protagonisti huma ghal kollox kontrastanti u ghalhekk analizi tal-hsarat sofferti mill-vetturi skond kif jirrizulta mill-iskizz ipprezentat hu tassew ghaqli;

1. Illi l-vettura ta’ l-attur soffriet hsarat principalment fuq quddiem, dawk ikkagunati mill-impatt mas-senjaletika stradali huma rrilevanti;

2. Illi l-hsarat sofferti mill-vettura tal-konvenut huma fuq il-genb tax-xellug taghha, dik ta’ wara hi irrilevanti ghall-iskop odjern;

Ikkonsidrat:

Illi l-hsarat hawn deskritti rizultat ta’ l-analizi ta’ l-iskizz ipprezentat fl-atti odjerni jimmilitaw li effettivament il-versjoni tal-konvenut hi aktar qrib ir-realta’ fattwali rizultanti wara l-incident;

Ghaldaqstant, din il-qorti filwaqt li tirrespingi t-talbiet attrici, tilqa’ l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, bl-ispejjez.”

Appella minn din is-sentenza l-attur bl-obbjezzjoni illi l-ewwel Qorti ma kkonsidratx sew il-portata tal-provi li tressqu quddiemha.

L-appellanti jaqsam dan l-aggravju tieghu fi tliet partijiet, u cjoe li l-Qorti ta’ Isfel:-

(i) illimitat ruhha ghall-istqarrijiet tal-kontendenti lis-surgent inkarigat mill-investigazzjoni tal-incident;

(ii) accettat il-versjoni tal-konvenut meta din ma kienetx wahda konsistenti;
(iii) waslet ghall-konkluzjoni taghha dwar l-okkorrenza tal-incident ghab-bazi tal-hsarat li garrbu l-vetturi.

Ezami tal-provi mressqa miz-zewg kontendenti jaghtu kwadru ghal kollox kuntrastanti tad-dinamika tal-incident.

L-attur (fol 10) jipprovdi din il-verzjoni:-

(a) Hu jghid li kien wara l-karozzi jistenna biex johrog biex imur fid-direzzjoni tal-mini ta’ Regional Road.
(b) Lemah karozza gejja minn warajh bi speed gholi u billi basar li din ma kienetx ser tilhaq izzomm il-brake, gibed il-gewwa.
(c) Fil-kors ta’ din il-manuvra, l-vettura l-ohra misjuqa mill-konvenut laqtet bil-bumper taghha l-bumper tal-lemin tan-naha warranija tal-car tieghu.
(d) Bid-daqqa hu gie imbuttat ghal fuq tabella li tghawwget.

Ix-xhud tal-attur James Tanti (fol 34) bejn wiehed u iehor jikkorrobora din il-versjoni hlief ghal fatt li dan ma semmiex ukoll li immedjatament qabel il-habta l-attur gibed il-gewwa.

Bl-oppost ghal din il-versjoni l-konvenut (fol 38) isostni dan.

(a) Hu kien bhall-attur hiereg minn Paceville biex imur fid-direzzjoni ta’ Regional Road. Fuq ix-xellug tieghu kien hemm Mini-vans jghabbu n-nies u quddiemu serbut ta’ karozzi.
(b) Jghid li waqaf wara l-karozzi u meta kien hekk sost sema’ brake minn warajh u karozza gejja ghal fuqu.
(c) Din il-vettura haditu zbrixx fuq il-mudguard u l-bumper tan-naha xellugija kif ukoll fil-bieba ta’ quddiem.
(d) Wara li din il-karozza habtet go fih, baqghet sejra fuq ix-xellug u spiccat go zewg poles li kienu qed izommu t-tabella.

Il-Qorti hasset il-htiega li tirrikapitula l-provi biex jigi evidenzjat ahjar il-fatt prezentat quddiem il-Qorti ta' incident b'zewg versjonijiet dijametrikalment opposti. Evidentement l-unici cirkostanzi li fuqhom jaqblu l-kontendenti huma fejn, u meta, sehhet il-habta. Mill-bqija, u essenzjalment fuq il-'causa prossima' tal-incident ma jaqblu xejn.

L-appellanti jistrieh bosta fuq il-fatt li l-verzjoni tieghu hi sostenuta mix-xhieda tal-passiggier li kien riekeb mieghu fil-vettura.

Huwa minnu li dan hu hekk il-kaz izda fil-fehma tal-Qorti dan il-fatt mhux bizzejjed biex jeghleb il-mizien favur it-tezi atrrici.

Dan ghaliex, kif pacifikament akkolt fil-gurisprudenza taghna "l-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet". ("**Eucaristico Zammit –vs- Eustrachio Petrococchino**", Appell Kummerc, 25 ta' Frar 1952; "Paul Vassallo –vs- Carmelo Pace", Appell Civili, 5 ta' Marzu 1986).

Il-Qorti allura jehtiegilha tara jekk il-versjoni l-wahda ghandiex teskludi lill-ohra fuq il-bilanc tal-probabilitajiet. B'hekk ukoll jigi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa' fuq l-iskappatoja tad-dubju u ssib rifugju mir-regola ta' "in dubio pro reo".

Wara li fliet bir-reqqa l-provi kollha, kompriz in-natura tal-hsarat in relazzjoni ghad-dinamika tal-incident, il-Qorti hi tal-opinjoni illi f'dan il-kaz iz-zewg verzjonijiet kapaci jitqiesu plawsibbli u veritiera. Fi kliem iehor ma jistax jinghad li tirrizulta dik ic-cirkostanza determinanti li tissoda l-konvinciment tal-Qorti favur tezi u mhux l-ohra. F'tali sitwazzjoni "ma jibqax lecitu ghall-gudikant li jifforma opinjoni motivata fuq preponderanza ta' probabilitajiet. Jehtieglu jasal biss ghall-konkluzjoni li l-attur ma jkunx

sodisfacentement u konkludentement ipprova t-talbiet tieghu. Actor non probante, reus absolvitur" – ("**Joseph Vincent Rausi noe –vs- Joseph Muscat**", Prim'Awla, Qorti Civili, 22 ta' Novembru 1995.

Kif rilevat f'sentenza antecedenti fil-kawza fl-ismijiet "**Dottor Herbert Lenicker –vs- Joseph Camilleri**", Prim'Awla, Qorti Civili, 31 ta' Mejju 1972, "f'kawza civili l-attur li jallega li gratlu hsara b'tort tal-konvenut, irid jipprova huwa a sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx din il-prova l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli (anke jekk il-konvenut ma jipprovax – ghaliex legalment ma hux obbligat li jipprova – li l-incident ikun gara b'tort tal-attur); dan mhux ghaliex it-tort ghall-incident jkun tal-attur, imma sempliciment ma jkunx irnexxielu jipprova dak li allega bhala bazi tal-azzjoni tieghu".

Fl-istess sens id-decizjoni fl-ismijiet "**Gemma Cassar Saetta –vs- Imco Distributors Ltd**", Appell, Sede Inferjuri, 13 ta' Jannar 1999.

Isegwi allura, tenut qies tas-suesposta konsiderazzjoni illi l-appell interpost mill-attur ma jistax jirnexxi.

In bazi ghal motiv fuq dedott l-appell tal-attur qed jigi michud u konsegwentement ghalkemm issa fondata fuq ragjonament divers, is-sentenza appellata qed tigi konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant.

--------------------------------TMIEM--------------------------------